

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Cheminova A/S, Cheminova Agro Italia Srl, Cheminova Bulgaria EOOD, Agrodan, SA u Lodi SAS għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, l-ispejjeż esposti mill-Kummissjoni, inkluż dawk tal-proċedura sommarja.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 247, 20.10.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Settembru 2009 — Royal Appliance International vs UASI — BSH Bosch und Siemens Hausgeräte (Centrixx)**

(Kawża T-446/07) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Centrixx — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti sensixx — Raġuni relattiva għal rifjut — Riskju ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”)*

(2009/C 256/45)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Royal Appliance International GmbH (Hilden, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K.-J. Michaeli u M. Schork, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Schäffner u B. Schmidt, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: BSH Bosch und Siemens Hausgeräte GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Biagosch, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Ottubru 2007 (Każ R 572/2006-4) fir-rigward ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn BSH Bosch und Siemens Hausgeräte GmbH u Royal Appliance international GmbH.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Appliance International GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 9.2.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Settembru 2009 — Wella vs UASI (TAME IT)**

(Kawża T-471/07) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali — Talba għal estensjoni territorjali tal-protezzjoni — Trade mark verbali TAME IT — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”)*

(2009/C 256/46)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Wella AG (Darmstadt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Klingberg, u K. Sandberg, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Ottubru 2007 (Każ R 713/2007-2) fir-rigward ta' estensjoni territorjali, fil-Komunità Ewropea, tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali TAME IT.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Wella AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 51, 23.02.2008